MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 849/2010

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**
**Vs**
**Mario u Rita mizzewgin Grech (K.I numri 437366 (M) u 399270 (M))**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn il-bank attur ippremetta: -

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 25 ta' Frar 2002, in atti Nutar Dottor Marco Burlo' (Dok. A") u ghall-iskrittura privata datata 21 ta' Gunju, 2002, (Dok. B") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Mario u Rita mizzewgin Grech;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Mario u Rita mizzewgin Grech fis-somma ta' sebgha u sittin elf, sitt

mija u wiehed u sebghin Ewro u sitta u tletin centezmu (€ 67,671.36) bilanc ghad-debitu fil-*“Loan Accounts”* ta’ Mario u Rita mizzewgin Grech mal-Bank of Valleta p.l.c. (Dok “C1 sa C4”, D1 sa D3’ u Dok “E1 sa E3”) flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta’ Awwissu 2010 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura fuq imsemmija (u dawn ezebiti bhala Dokument “A” u “B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Mario u Rita mizzewgin Grech;

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura, (b) kienu inadempjenti f’ obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Mario u Rita mizzewgin Grech li jipperikolaw jew jaffetwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

4. Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti Mario u Rita mizzewgin Grech gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 19 ta’ Awissu 2009, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok ‘F’, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talbu ghaldaqstant lill-konvenuti jghidu, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarju u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ghaliex m’ Ghandiex Din il-Qorti Tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura privata fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dokument ‘A’ u ‘B’) partikolarment immam hux esklussivament, billi Mario u Rita mizzewgin Grech (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti

dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura privata, (b) kienu inadempjenti f’ obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura privata sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Mario u Rita mizzewgin Grech li jipperikolaw jew jaffetwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici, u

2. Tikkundanna lil Mario u Rita mizzewgin Grech jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sebgha u sittin elf, sitt mija u wiehed u sebghin Ewro u sitta u tletin centezmu (€ 67,671.36) bilanc ghad-debitu fil-*‘Loan Accounts’* ta’ Mario u Rita mizzewgin Grech mal-Bank of Valleta p.l.c (Dok “C1 sa C4”, D1 sa D3’ u Dok “E1 sa E3”) flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta’ Awwissu 2010 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 19 ta’ Awwissu 2009 u tal-Mandat ta’ Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta’ ammissjoni ta’ Mario u Rita konjugi Grech li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-Rikors Promotur;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 t’ Ottubru, 2010;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tal-bank attur kif dedotti fir-Rikors Promotur.

Spejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------